TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 151/15-F

**Mario Calamatta**
**vs**
**Frank Borda Limited**

Illum, 30 ta' Novembru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 t'Awwissu, 2015 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, ħames mija, u disgħa w sittin ewro (€1,569), rappreżentanti prezz ta' *cooker* ossia forn li wara li nxtara beda ħiereġ ħafna ilma.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li t-Tribunal jinnota li minkejja li s-soċjeta' ntimata ssottomettiet risposta bil-miktub, m'attendietx għas-seduta sabiex tikkontesta t-talba, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi wara li xtara dan il-*cooker*, irriżulta li kien qed joħroġlu ħafna ilma.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi dan kien *condensation*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata debitament notifikata u msejħa tliet darbiet, ma dehritx għas-seduta u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

It-Tribunal jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u b'dan illi qed jirrifjuta l-offerta tas-soċjeta' ntimata sabiex tagħti *credit note* lir-rikorrenti u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' elf, ħames mija, u disgħa w sittin ewro (€1,569), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-*cooker* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888